# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

Seduta tat-08 ta'Lulju, 2016

Talba Numru: 110/2015AM3

Numru fuq il-Lista: 15

**Cresta Property Services Limited (C38091) kif rapprezentata minn Ivan Azzopardi (ID 362059M) bhala Amministratur ta' Swieqi Residence Block 'B' Owners Association**

**Vs**

**Christopher Cuschieri,**
**'Stingray'**
**Triq it-Tiben,**
**Swieqi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fl-04 ta' Frar, 2015 illi permezz tiegħu s-Socjeta' attrici talbet minghand l-konvenut is-somma ta' elf mija u sebgha u sittin ewro (€1,167) jew somma verjuri li tigi likwidata minn dan l-Onorabbli Tribunal rapprezentanti s-sehem tal-konvenut mill-ispejjez dovuti in konnessjoni mal-amministrazzjoni tal-partijiet komuni tal-block ta' appartamenti Swieqi Residential

Complex fejn l-konvenut huwa proprjetarju ta' Flat numru 1 u garage numru 48 liema ammont jirraprezenta l-contribution ghas-sena 2013/14 fl-ammont ta' erba' mija u sebgha u ghoxrin ewro (€427.00c) bilanc minn somma akbar u seba' mija u erbghin ewro (€740) ghas-sena 2014/15.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante: (1) li l-konvenut m'ghandux ihallas s-somma hekk mitluba izda ghandu jhallas somma inqas u dan peress li l-appartament tieghu ghadu qatt ma ntuza; (2) li l-konvenut qatt ma ghamel uzu mil-lift u dan peress li l-appartament tieghu tasal ghalih wara li titla numru zghir ta' tarag u ghalhekk l-ispejjez tal-istess lift ghandhom jinqasmu ai termini tal-Artikolu 11(2) tal-Kap 398 bejn l-condomini li jaghmlu uzu minnu; (3) sal-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-affidavit ta' Ivan Azzopardi in rapprezentanza tas-socjeta attrici a fol 15et tal-process li permez tieghu kkonfermal li l-ammont ghadu dovut u ghaliex huwa dovut.

Rat in-nota t' ammissjoni tal-konvenut a fol 39 tal-process.

Għaldaqstant, it-Trribunal jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut ihallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u sebgha u sittin ewro (€1,167) bl-imghax legali kontra l-konvenut.

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 955/14 huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**